MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2002

Rikors Numru. 44/2001/1

**Joyce Buttigieg**
**Vs**
**Dr Anthony Cutajar u Prokuratur Lgali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi tal-wirt ta’ Agnese Farrugia mahtura b’digriet tal-15 ta’ Gunju 2001**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi l-esponenti hija propjetarja tal-fond numru 9 diga 6, Triq il-Parocca, Mqabba liema fond kien mikri lil Agnese Farrugia (illum mejta) bil-kera ta’ Lm14.00 pagabbli kull sena bil-quddiem.

Illi dan il-fond ma ghadux jintuza u fil-fatt m’hu okkupat minn hadd.

Illi ghalhekk jezistu ragunijiet sabiex tigi terminata l-lokazzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jogghbu:-

1. jittermina l-lokazzjoni tal-fond 9, diga numru 6 Triq il-Parocca, Mqabba.
2. jordna lill-intimat biex jirrilaxxaw l-imsemmi fond favur ir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dan il-Bord.

Ra r-risposta;

1. Illi huma, f'dan l-istadju mhumiex edotti mill-fatti.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokument esebiti.

Ra l-atti.

Ra l-verbal tat-18 ta' Gunju 2002.

Ikkonsidra;

1. Minkejja li l-kuraturi ghamlu li setghu biex isibu l-qraba tal-mejta Agnese Farrugia hadd minn dawn hadd minn dawn ma assuma l-atti u l-Bord ser jghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li ghandu biex ma jintilifx zmien aktar.

2. Il-post kien mikri lil Agnese Micallef li giet nieqsa. Meta mietet ma kien joqghod hadd maghha. Ir-rikorrenti halliet il-kera taghlaq u talbet ic-cwievet kif kellha jedd taghmel. Aktarx li wara l-mewt ta' Micallef fil-post qabad u dahal xi hadd.

3. Jirrizulta ghalhekk il-kawzali li fuqha r-rikorrenti qed issejjes it-talba taghha ghall-izgumbrament jigifieri non uzo ta' dar ta' abitazzjoni.

Ghalhekk il-bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-fond numru 9 diga numru 6, Triq il-Parocca, Mqabba;  ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar m'illum;  l-ispjjez jithallsu mill-intimati fil-kwalita' taghhom fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------